**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 27 – 19 ta' Diċembru 2013**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' b' urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 27. Il-laqgħa bdiet fis-6.40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Dr. Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Ħadd | |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Għal-laqgħa kien hemm preżenti l-Events u Marketing Coordinator Dr. Massimo Ellul. | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

1.1 Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li kellu jsejjaħ laqgħa b' urġenza minħabba każ ta' natura urġenti li l-Kunsilliera kollha jafu bih. Huwa qal li xtaq li jsejjaħ laqgħa qabel imma ma setgħax minħabba li kien imsiefer fuq xogħol.

1.2 Is-Sindku spjega li huwa kien se jagħti fil-qosor sekwenza ta' kif ġraw l-affarijiet u wara kien se jwaqqa' l-laqgħa fi stadju ta' kumitat sabiex il-Kunsilliera jkunu jistgħu jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u tkun tista' ssir diskussjoni.

1.3 Is-Sindku Alfred Grixti qal li dan l-episodju beda ġimgħa qabel jiġifieri nhar il-Ħamis 12 ta' Diċembru 2013 waqt li huwa kien qiegħed l-uffiċċju tal-Kunsill jiltaqa' mar-residenti. Is-Sindku kompla jgħid li mingħajr ma kien infurmat dakinhar kien ġej ikellmu s-sur Anġlu Curmi, magħruf bħala Aġlu l-Għawdxi, sabiex jieħu s-sodisfazzjon miegħu fuq xi ħaġa li ma kienx jaf biha, u aktar u aktar li ma kellux x' jaqsam fiha. Is-Sindku qal li s-sur Curmi ltaqa' mas-sur Jason Farrugia, li huwa x-xufier tiegħu, barra fit-triq fejn ir-residenza tagħhom peress li huma ġirien u dan beda jallega li Philip Gatt ħa xi flus biex iġiblu permess għall-Monti u qasamhom mas-Sindku imma li dan il-permess ma ħariġx. Is-Sindku spjega li s-sur Farrugia talbu jissustanzja dawn l-allegazzjonijiet. Minn hemm hekk is-sur Farrugia għamel kuntatt ma' Dr. Massimo Ellul u flimkien marru d-dar tas-sur Curmi fejn kien hemm ukoll il-mara tiegħu Filippa Curmi u għal darb' oħra Anġlu Curmi ntalab jissustanzja dawn l-allegazzjonijiet. Il-koppja Curmi qalu li għaddew €1000 lil Philip Gatt biex dan iġib permess fuq il-monti għat-tifel tagħhom Christian Curmi. Is-Sindku qal li l-koppja Curmi qalu li binhom kellu *recording* tat-transazzjoni fuq il-*mobile* tiegħu u li anki wrew lil Dr Ellul ux-xufier tiegħu Jason Farrugia withdrawal slips tal-bank għall-ammont ta' € 1000. Is-Sindku qal li dan huwa x' qed jallegaw huma u dan seħħ kollu minn wara dahru u minn wara dahar il-Kunsilliera.

1.4 Is-Sindku Alfred Grixti qal li Dr. Ellul u s-sur Farrugia tkellmu mal-ġenituri ta' Christian Curmi u mhux direttament miegħu. Is-Sindku qal li dan kien l-istess persuna li fl-aħħar laqgħa saret diskussjoni dwaru wara li l-Kunsill irċieva ittra ta' riferenza mill-Caritas dwaru. Is-Sindku qal li f' dan l-istadju żgur ma kienx jaf x' kien għaddej bejniethom. Is-Sindku kompla jgħid li li kieku kien kompliċi ma kienx iressaq il-każ quddiem il-Kunsill iżda kien jieħu deċiżjoni waħdu u ma jgħid lill-ħadd.

1.5 Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa qabbad lix-xufier tiegħu sabiex l-għada jagħmel kuntatt ma' Christian Curmi u talbu jipprova jisma' r-*recording* jew jieħu kopja tiegħu. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa xtaq li jakkwista kopja tar-*recording* ħalli jmur dirett bih għand il-Kummissarju għax mill-Ħamis filgħaxija stess huwa diġa kien konvint mit-triq u l-azzjonijiet li kellu jieħu. Is-Sindku qal li Christian Curmi ma riedx jagħti kopja tar-*recording* lil Jason Farrugia. Is-Sindku spjega li Jason Farrugia xorta waħda rnexxielu jisma' r-*recording* u seta' jikkonferma li t-transazzjoni veru saret u li l-persuni nvoluti fir-*recording* kien dawk msemmija. Is-Sindku Alfred Grixti qal li f' dak l-istadju għamel kuntatt mal-Kummissarju tal-Pulizija li talbu sabiex imur l-għada s-Sibt 14 ta' Diċembru 2013, ġewwa d-Depot sabiex hu flimkien ma' Dr. Ellul u Jason Farrugia jagħmlu l-*statements* tagħhom, u minn hemm hekk telqet l-azzjoni tal-Pulizija li ressqet għall-arrest ta' Philip Gatt

1.6 Is-Sindku Alfred Grixti qal li għalkemm kien hemm min qal li wieħed seta' jirranġa' u jgħatti l-każ billi Philip Gatt irodd il-flus lura, dan fl-ebda mument

ma għaddielu minn rasu u spjega li meta wieħed ikun jaf b' reat u ma jgħid xejn jispiċċa kompliċi. Il-Kunsillier Aquilina talab li jkun jaf jekk fir-*recording* kienx jinstema' ċar dak li ġara. Is-Sindku Alfred Grixti qal li mill-informazzjoni li għandu waqt l-interrogazzjoni kemm Philip Gatt kif ukoll Christian Curmi, it-tnejn ammettew u dak li issa trid tistabilixxi l-Pulizija u l-Qorti huwa min beda u min kompla, iżda dan ma kienx jinteressah. Is-Sindku qal li dak li jinteressa lilu huwa li kellu mpjegat tal-Kunsill li għamel att li huwa allegatament huwa kriminali, tant li l-Pulizija dehrilha li kellha tieħu l-passi li ħadet. Is-Sindku qal li meta wiżen l-affarijiet, huwa ma kellu ebda triq oħra ħlief li jmur għand l-awtoritajiet u jerfa' r-responsabilta' ta' din l-azzjoni hu u li għamel għamlu min jeddu mingħajr ebda pressjoni mingħand ħadd. Is-Sindku qal li ma kienitx l-isbaħ ġurnata ta' ħajtu imma dak li ddeċieda għamlu bis-serenità kollha.

1.7 Is-Sindku qal li fil-preżent il-ħaddiem kien sospiż u dan b' deċiżjoni tiegħu tas-Segretarju. Is-Sindku spjega wkoll li huwa kkomunika bl-email lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u nfurmah bil-każ. Is-Sindku Alfred Grixti qal li din ma kienitx esperjenza sabiħa imma li fl-aħħar mill-aħħar dan il-Kunsill joħroġ aktar b' saħħtu minn din l-esperjenza u jekk kien hemm xi suspett mod ieħor, fil-Kunsill immexxi minnu l-affarijiet isiru kif suppost.

1.8 Is-Sindku Alfred Grixti talab l-approvazzjoni sabiex il-Kunsill jidħol fi stadju ta' kumitat. Kien hemm qbil dwar dan. Il-laqgħa ġiet sospiża fis-6.55pm.

1.9 Il-laqgħa tkompliet fit-8.20pm.

1.10 Is-Sindku Alfred Grixti qal li wara li l-Kunsill iddiskuta fi stadju ta' kumitat il-kwistjoni li nqalgħat minħabba mġieba allegatament skoretta tal-Project Manager Philip Gatt, fil-konfront ta' dan il-Project Manager il-Kunsill qiegħed jiddeċiedi li b' mod immedjat il-Kunsill jikkonferma s-sospensjoni li ngħatat u li din is-sospensjoni, skont il-prassi ta' każijiet simili fis-settur pubbliku u li matul il-perijodu tas-sospensjoni il-Project Manager jingħata biss nofs il-paga bażika. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Cain Grech. Ittieħed vot;

Dawk Favur; Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Dr. Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone u Philip Said.

Dawk Kontra; Ħadd

Astensjonijiet; Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu. (118)

1.11 Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni oħra sabiex il-Kunsill jibda l-proċess ta' reklutaġġ ta' impjegat biex jaqdi dawn id-doveri u dan jiġi ngaġġat wara li jinġiebu l-permessi meħtieġa mid-Dipartiment u jsir il-proċess kollu tal-ETC. Is-Sindku Alfred Grixti qal ukoll li hemm qbil bejn il-Kunsilliera li l-*job description* se tintbagħat lill-Kunsilliera biex isiru s-suġġerimenti meħtieġa u jiġi ngaġġat bit-titlu ta' *Works and Contracts Co-ordinator* u jkun persuna ta' kwalifiċi tekniċi u fl-istess skala ta' salarju li kellu l-Project Manager. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina. Ittieħed vot;

Dawk Favur; Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Dr. Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone u Philip Said.

Dawk Kontra; Ħadd

Astensjonijiet; Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu. (119)

1.12. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni biex il-Kunsill jaħtar lis-sur Christopher Formosa bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv sakemm jinħatar Segretarju Eżekuttiv ġdid, wara li s-sur Formosa nħatar f' kariga oħra fis-servizz pubbliku. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Ittieħed vot;

Dawk Favur; Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Dr. Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone u Philip Said.

Dawk Kontra; Ħadd

Astensjonijiet; Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu. (120)

1.13. Is-Sindku Alfred Grixti qal li għan-nom tal-Kunsill kollu jirringrazzjah tal-ħidma tiegħu matul dawn is-snin kif ukoll tal-paċenzja li dejjem ħa miegħu. Is-Sindku Alfred Grixti qal li s-Segretarju Eżekuttiv Christopher Formosa dejjem ta' servizz denju u minn qalbu lill-Kunsill bl-aħjar mod possibli. Is-Sindku Alfred Grixti f' isem il-Kunsilliera kollha awgura lis-Segretarju għall-avventura professjonali l-ġdida tiegħu.

1.14. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 9 ta' Jannar 2014 fis-6.30pm, il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm.

Alfred Grixti
Sindku

Christopher Formosa
Segretarju Eżekuttiv